Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

Data tal-laqgħa: 16 ta` Ottubru 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku (wasal fl-4.20pm)
Daniel Muscat – Kunsillier (wasal fl-4.10pm)
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 54.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

54.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 53

54.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-Tlieta u Ħamsin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

54.2.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 54.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

54.3.1 Para 53.11.1 - Protest Ġudizzjarju mingħand resident dwar l-istat ta` Triq Idmejda
Is-SE infurmat lill-Kunsill li għadha qed tistenna *feedback* mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar l-istat tat-triq biex l-avukata tkun tista` tibgħat risposta uffiċċjali għall-Protest Ġudizzjarju.

## 54.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

54.4.1 Xogħlijiet fil-Wied ta` Ħal Balzan
Is-Sindku semma l-ilmenti li qed ikun hemm fuq ix-xogħlijiet li għaddejjin fil-Wied ta` Ħal Balzan. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-ilmeti kollha li qed jaslu, qed jintbgħatu lill-persuna responsabbli mill-proġett.

## 54.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

54.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 54.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

54.6.1.1 Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2018
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2018 (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

**F`dan il-ħin (4.10pm) daħal il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana għall-laqgħa.**

54.6.1.2 Ir-rapport ġie approvat unanimament.

54.6.2.1 *Concession for the separate collection of waste, paper, metal and glass from households from the locality of Ħal Balzan* – BLC 05/2018
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ppreparat id-dokument għas-sejħa għal konċessjoni. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

54.6.2.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibgħat id-dokument għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratt biex tkun tista` tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa.

54.6.2.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jiġi maħtur aktar il`quddiem.

**Is-SE talbet li tinbidel l-ordni tax-xogħol biex l-*item* li jmiss (54.7) tiġi diskussa aktar tard peress li l-Viċi Sindku Andre` Grech kien għadu ma wasalx. Il-Kunsill qabel unanimament u għadda biex jiddiskuti *item* 54.8.**

## 54.8 Proġett ta` *embellishment* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

54.8.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li, hekk kif tħabbar fil-ġimgħat li għaddew minn *Infrastructure Malta*, Triq il-Ferrovija l-Qadima hija waħda mit-toroq li ser issir is-sena d-dieħla.

54.8.2 Is-Sindku tkellem mal-Inġinier Fredrick Azzopardi dwar il-proġett ta` *embellishment* tal-bankina fi Triq il-Ferrovija l-Qadima fejn hemm is-siġra tal-fikus. Is-Sindku staqsieh dwar il-possibilta` li jiġi implimentat minn *Infrastructure Malta* billi jiġi nkorporat max-xogħlijiet tar-*resurfacing* tat-triq. Dan minħabba nuqqas ta` fondi, peress li qed jiġi stmat li jammonta bejn €20,000 u €25,000.

54.8.3 L-Inġinier Fredrick Azzopardi talab lill-Kunsill biex tiġi ppreparata pjanta u jinkisbu 3 kwotazzjoniet tax-xogħlijiet tal-proġett tal-*embellishment.* Dawn għandhom jintbgħatu lill-Inġinier biex tiġi approvata l-irħas kwotazzjoni biex ix-xogħlijiet jiġu mħallsa direttament minn *Infrastructure Malta*.

**F`dan il-ħin (4.10pm) daħal il-Viċi Sindku Andre` Grech għall-laqgħa.**

54.8.4 Kien hemm qbil li ssir laqgħa fuq il-post mal-perit tal-Kunsill, sabiex jiġu ppreparati l-pjanti meħtieġa sabiex inkunu nistgħu niksbu 3 kwotazzjonijiet biex jintbagħtu lill-*Infrastructure Malta* għall-approvazzjoni.

54.8.5 Kien hemm qbil ukoll li dan ix-xogħol ta` *embellishment* għandu jsir fl-istess żmien li tkun qed issir it-triq.

## 54.7 Talba għal ħlas mill-Perit relatati max-xogħlijiet tad-disinn u l-preparazzjoni ta` pjanti

54.7.1 Din it-talba ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill nru. 51, fil-preżenza tal-Perit u l-assistent tiegħu. Il-Kunsill kien talab lill-Perit biex jibgħat stima ta` kemm tiġi tiswa l-ispiża sabiex issir l-applikazzjoni mal-*Planning Authority* sabiex jinġieb il-permess biex jiġi estiż il-proġett ta` tisbiħ tal-pjazza jiġi għat-toroq tal-madwar.

54.7.2 Il-Perit qed jinforma li l-*fees* tal-*Planning Authority* biex issir l-applikazzjoni hija stmata li tammonta bejn €3,500 u €4,000. Apparti dawn il-*fees* hemm l-*invoice* tax-xogħlijiet għad-disinn u l-preparazzjoni tal-pjanti bbażati fuq dawn is-*surveys* topografiċi.

54.7.3 Il-Viċi Sindku, li ma kienx preżenti għal-laqgħa ta` meta ġiet diskussa din l-*invoice*, qal li l-ispejjeż relatati mal-perit tista` tiġi *claimed* meta napplikaw għall-Fondi Ewropej. Qal ukoll li biex il-Kunsill japplika għall-Fondi Ewropej, irid ikollu l-permessi kollha relatati mal-proġett minn qabel.

54.7.4 Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-kumpanija EMCS Ltd (maħtura mir-Reġjun Ċentru biex tipprovdi s-servizz ta` espert estern għal taħriġ, sapport, identifikazzjoni ta` opportunitajiet fil-fondi tal-EU) sabiex jiġi stabbilit jekk hux ser ikun hemm fondi relatati ma` dan il-proġett fil-futur qarib. Dan għaliex jekk mhux ser ikun hemm fondi, jkun inutli li napplikaw għall-permessi. Din il-kwistjoni terġa` tiġi diskussa aktar `il quddiem.

## 54.9 *European Week for Waste Reduction*

54.9.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li infetħu l-applikazzjonijiet għal *European Week for Waste Reduction,* fejn il-Kunsill jista` jorganizza xi attivitajiet relatati fil-ġimgħa ta` bejn is-17 u l-25 ta` Novembru, bil-possibilta` li tintrebaħ is-somma ta` €1,000.

54.9.2 Il-Kunsillier Joe Galea tkellem mal-Kap tal-iskola Primarja Lija/Balzan/Iklin dwar il-possibilta` li tiġi organizzata attivita` ta` *Clean-up* tal-*playing field* u r-*roundabout* ta` Triq l-Għerusija, nhar l-Erbgħa 21 ta` Novembru, bil-parteċipazzjoni tal-istudenti. Il-Kap tal-iskola diġa` wriet l-interess għal din l-attivita`.

54.9.3 Il-Kunsillier Joe Galea qal ukoll li l-HSBC Balzan wrew l-interess li jieħdu sehem fi *Clean-up,* pero` jkunu jistgħu nhar ta` Ħadd. Għalhekk, qed jiġi ssuġġerit li l-*Clean-up* mal-ħaddiema tal-HSBC Balzan issir il-Ħadd 25 ta` Novembru, fejn isir tindif tal-għalqa ta` Wesgħa Profs. Ġuże` Aquilina.

54.9.4 Il-Kunsill unanimament qabel li jiġu organizzati dawn iż-żewġ attivitajiet.

## 54.10 Jum Ħal Balzan 2019

54.10.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li Jum Ħal Balzan (kif ukoll Ġieħ Ħal Balzan) ġie ċċelebrat fid-29/06/15, 03/06/16, 25/06/17 u 16/09/18 f`din il-leġislatura. Għalhekk, il-Kunsill unanimament qabel li Jum Ħal Balzan għas-sena 2019 għandu jiġi ċċelebrat fil-leġislatura li jmiss.

54.10.2 Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana qed jissuġġerixxi li f`Marzu 2019, il-Kunsill xorta jorganizza attivita` fl-okkażjoni tal-150 sena tal-istatwa titulari. Il-Kunsill qabel u din l-attivita` ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 54.11 Attivita` għal żmien il-Milied

54.11.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li hemm *budget* ta` madwar €1,100 allokati għad-dwal tal-Milied, fejn il-Kunsill qabel li għal din is-sena jiġi armat fi Triq il-Kbira bejn it-Tikabu u l-pjazza. Il-Kunsill ser jipprova jsib xi *sponsors* bil-possibilta` li tintrama parti minn Triq Birbal ukoll.

54.11.2 Is-SE qalet li hemm ukoll madwar €2,300 allokati għall-attivitajiet u li dawn jistgħu jintużaw biex jiġu orgazzati għal żmien il-Milied.

54.11.3 L-i*String Concert* fil-kappella ta` Triq it-Tliet Knejjes jista` jiġi organizzat fil-ġimgħa ta` bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena.

54.11.4 Ġiet innutata *email* mibgħuta minn Leon Promotions. Din il-kumpanija qed joffru programmi għal żmien il-Milied, fejn jieħdu ħsieb jorganizzaw serata ta` madwar sagħtejn għas-somma ta`€750 (VAT inkluż). Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana ser jiltaqa` ma` din il-kumpanija għal aktar dettalji. Dan biex jekk ikun hemm biżżejjed fondi, jiġu organizzati iż-żewġ attivitajiet.

## 54.12 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

54.12.1.1 <u>Permessi għall-użu ta` makkinarju fi Triq iz-Zekkuk</u>
Residenti fi Triq iz-Zekkuk qed jilmentaw minħabba permessi għall-użu ta` makkinarju li jinħarġu mill-Kunsill għal sit ta` kostruzzjoni fi Triq iz-Zekkuk. Qed jilmentaw għal fatt li jinħarġu permessi biex tingħalaq it-triq għal ġurnata sħiħa u nhar ta` Sibt, għax dan qed ikun ta` inkonvenjent għax jingħalqihom l-uniku aċċess peress li t-triq ma tinfidx.

54.12.1.2 Preżenti għal-laqgħa kien hemm żewġ (2) residenti minn din it-triq fejn spjegaw l-inkonvenjent li għaddejjin minnhu.

54.12.1.3 Wara li ġiet diskussa din il-kwistjoni, il-Kunsill unanimanent għaddha *policy* biex ma jinħarġux permessi biex jingħalqu toroq *dead-end* u sqaqien nhar ta` Sibt.

54.12.2.1 <u>Talba biex iż-żona riservata għat-trasport tal-iskola fi Triq San Franġisk tintuża wkoll mill-viżitaturi tal-istess skola</u>
Il-Kap tal-iskola primarja ta` San Alwiġi qed titlob biex iż-żona riservata għat-trasport tal-iskola fi Triq San Franġisk tintuża wkoll mill-visitaturi tal-istess skola. Dan billi l-iskola toħroġ permess biex jitqiegħed mal-*windscreen.* Bħalissa f`din iż-żona ma jista` jipparkjaw ħadd, ħlief it-trasport tal-iskola fil-ħinijiet indikat.

54.12.2.2 Il-Kunsill qabel li jekk għandhom jitħallew jipparkjaw karozzi f`din iż-żona wara dawn il-ħinijiet, għandu jitħalla jipparkja min irid u mhux b`permess maħruġ mill-iskola.

54.12.2.3 Il-Kunsill unanimament qabel li napplikaw ma` Transport Malta għal permess biex ikunu jistgħu jipparkjaw karozzi wara l-ħinijiet indikati.

54.12.3.1 <u>Wara Nofsinhar – Programm fuq TVM</u>
Qed jiġu mistiedna l-Kunsilli Lokali kollha biex jieħdu sehem fi *quiz* fuq il-programm Wara Nofsinhar li jixxandar fuq TVM. Il-*quiz* ikun bejn żewġ Kunsilli Lokali, fejn kull *team* ikun magħmul minn żewġ membri tal-komunita` jew Kunsilliera.

54.12.3.2 Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f`dan il-programm. Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana se jieħu sehem fil-*quiz.* It-

tieni membru tat-*team* ser ikun membru tal-komunita`.

54.12.4 <u>Ċirkulari AKL 2018/117 – CSR Day ġewwa Dar Papa Franġisku, Birkirkara</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/117 – CSR Day ġewwa Dar Papa Franġisku, Birkirkara mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

54.12.5.1 <u>Ċirkulari AKL 2018/121 – Tħawwil ta` siġar f`għeluq il-25 sena ta` Gvern Lokali</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/121 – Tħawwil ta` siġar f`għeluq il-25 sena ta` Gvern Lokali mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

54.12.5.2 Il-Kunsillier Joe Galea ser jattendi din l-attivita`.

54.12.6 <u>Jum Dinji tat-Tfal</u>
Ġiet innutata ittra mibgħuta mill-Kummissarju għat-Tfal, fejn qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jorganiżżaw attivitajiet fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal. L-attivitajiet jistgħu jinkludu fost affarijiet oħra avvenimenti sportivi jew artistiċi u attivitajiet ta` divertiment għat-tfal.

54.12.7.1 <u>Avveniment Sportiv organizzat mir-Reġjun Ċentru</u>
Ir-Reġjun Ċentru flimkien maċ-Ċentru tal-Attivita` Fiżika qed jorganiżża *Sports Day,* fejn studenti tal-ħames u tas-sitt sena ser jipparteċipaw. Huwa antiċipat li ser jattendu madwar 1,500 student. Qed jiġu mistiedna s-Sindki, Viċi Sindki u l-Kunsilliera biex ikunu preżenti għal dan l-avveniment.

54.12.7.2 Il-Viċi Sindku Andre` Grech ser jattend dan l-avveniment.

54.12.8.1 <u>Pjan ta` infurzar fir-rigward tal-iskeda l-ġdida tal-ġbir ta` skart</u>
Fil-31 ta` Ottubru 2018, se jkun hemm il-bidu tal- ġbir ta` skart organiku fil-lokalitajiet kollha f'Malta u Għawdex. WasteServ ser ikunu qed jiġi abbozzat pjan ta` infurzar sabiex tiġi evitata l-kompjaċenza u n-nuqqas ta` konformita` mal-iskedi l-ġodda tal-ġbir tal-iskart. F`dan ir-rigward, kull Kunsill qed jintalab biex jipprovdi lista ta` mhux aktar minn 5 toroq fejn ir-residenti ma jsegwux l-iskeda preżenti.

54.12.8.2 Il-Kunsill qabel li l-aktar toroq li jkun hawn problemi huma Triq il-Kannizzata, Triq Birbal, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Triq San Franġisk  Triq il-Barriera.

## 54.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

54.13.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 10/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €19,218.33, li tinkludi l-ammont ta` €155.94 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta` Settembru 2018. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

54.13.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre` Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Muscat Caruana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 54.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

54.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.55pm.

54.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 15 ta` Novembru 2018 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 15 ta` Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |